**Politika ta' Evalwazzjoni**

Verżjoni 1.2 (Ġunju 2024)

1. *Monitoraġġ għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità:*
    a. Ser isir monitoraġġ regolari biex tiġi żgurata l-kwalità tal-kors[1] u l-prestazzjoni tat-tutur[2].
    b. Il-metodi ta' monitoraġġ jistgħu jinkludu osservazzjonijiet fil-klassi, stħarriġ biex jiġbor feedback, u evalwazzjoni tax-xogħol li jingħata.
    c. L-għan tal-monitoraġġ huwa li jidentifika fiex jista’ jsir titjib u jipprovdi l-appoġġ meħtieġ lit-tutur.
2. *Prinċipji ta' Evalwazzjoni għat-Tuturi:*
    a. Matul il-kors, it-tuturi għandhom juru professjonalità, għarfien espert tas-suġġett, u jużaw metodi effettivi ta' tagħlim.
    b. It-tuturi għandhom jipprovdu ambjent ta' tagħlim ta' appoġġ u inklussiv, u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni attiva u l-involviment tal-istudenti.
    c. It-tuturi għandhom ikunu aċċessibbli għall-istudenti, u joffru rispons, gwida u kjarifika f'waqthom meta jkun meħtieġ.
    d. It-tuturi għandhom jimxu mal-kurrikulu u l-oġġettivi tal-kors.
    e. It-tuturi għandhom itejbu kontinwament il-ħiliet tat-tagħlim tagħhom u jibqgħu aġġornati mal-iżviluppi rilevanti tas-suġġett.
3. *Awtoevalwazzjoni tal-Istudent:*
    a. L-istudenti se jkunu mħeġġa jipparteċipaw f'attivitajiet ta' awtoevalwazzjoni biex jirriflettu fuq il-progress, fejn sejrin tajjeb, u fejn hemm xi jtejbu.
    b. L-attivitajiet ta' awtoevalwazzjoni jistgħu jinkludu korrezzjoni tax-xogħol proprju, ġurnali riflessivi, jew preżentazzjonijiet.
    c. L-għan tal-awtoevalwazzjoni tal-istudenti huwa li jrawwem l-għarfien, ir-responsabbiltà u l-involviment fil-proċess tat-tagħlim.
4. *Rekwiżiti ta' Attendenza:*
    a. L-istudenti huma meħtieġa li jattendu almenu 80% tas-sessjonijiet biex ikunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-kors.
    b. Jekk student jattendi anqas minn 80%, jista' jingħata l-opportunità li jagħmel tajjeb għal sessjonijiet mitlufa permezz ta' xogħol addizzjonali mogħti mit-tutur.
5. *Proċedura ta' Ilmenti:*
    a. Min ikollu ilmenti jew tħassib dwar il-kors jew it-tutur għandu juża https://nla.gov.mt/mt/formoli/ jew jikkuntattja direttament lid-Direttur tal-Aġenzija (Assigurazzjoni tal-Kwalità) malajr kemm jista' jkun f’ david.polidano@ilearn.edu.mt jew 2598 3316.
    b. Il-kunfidenzjalità u l-imparzjalità huma garantiti.
    c. L-ilmenti jiġu investigati bir-reqqa, u jittieħdu l-azzjonijiet xierqa biex tiġi indirizzata l-kwistjoni.
    d. L-istudenti jingħataw aġġornamenti dwar il-progress u r-riżoluzzjoni tal-ilmenti tagħhom.

---

[1] “Kors” tirreferi għall-programm jew kors hekk kif akkreditat mill-Accreditation Unit tad-Direttorat għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni.
[2] “Tutur” tirreferi għall-persuna li tipprovdi l-kors jew programm, inkluż l-Għalliem, il-Promotur tal-Litteriżmu, Animatur tal-Qari, eċċ.